MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Numru 237/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Ian Joseph Abdilla**
**vs**
**Noel Lanzon**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Noel Lanzon ta' 34 sena iben il-mejjet Carmel u Josephine nee' Azzopardi mwieled Pieta fl-20 ta' Dicembru 1974, bla residenza fissa hawn Malta, imma residneti 4 O'Leary Square, Whitechapel Londra, Uk, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 20975M.**

**Akkuzat talli f'Marzu 2009 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet**

**foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' iktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37 Euro) ghad-dannu ta' Noel Mifsud u Carmel Attard.**

**Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.**

**Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghal spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal din l-imputazzjoni, liema ammissjoni huwa nghata hin xieraq biex jahsibha. Ghal daqstant din l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 308, 310(1)(a) tal-Kap 9 u l-Artikolu 28A ta' l-istess Kap qed issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh u qed tikkundannah ghal sentejn prigunerija li ghandhom jibqghu sospizi sa' 4 snin jekk kemm-il darba matul dan il-perjodu l-imputat ma jwettaqx reat iehor. L-imputat qed ikun kundannat ihallas l-ammont kollu dovut li huwa 12,112 Euro fi zmien sitt xhur millum u dan ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9.**

**Il-Qorti qed twissi lill-imputat dwar l-Artikolu 28A tal-Kap 9 li jigifieri**

**(a) jekk iwettaq xi reat fi zmien dawn l-erba' snin, ser ikollu wkoll sentejn ohra mal-piena tar-reat il-gdid**
**(b) possibilta ta' mizuri ohra kontrieh fosthom dawk li hemm kkontemplati taht l-Artikolu 28H mill-**

**vittmi li jistghu jitolbu dak il-kumpens skond ma qalet din il-Qorti**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali mill-iktar fis.**

**Tordna wkoll li anke l-pulizija Inglizi jkunu jafu b'din is-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------